REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 386/2014

tal-14 ta' April 2014

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1), (d) u (e) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-persuni, l-entitajiet u l-korpi fuq il-bażi tad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

(2) L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li, billi ntgħażlu mill-Kunsill, huma koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(3) Fl-14 ta' April 2014, fuq il-bażi ta' determinazzjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill iddeċieda [2] li jemenda t-tagħrif relatat ma' entità waħda fil-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi li għalihom l-iffrizar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi għandu japplika u jħassar entità mill-Anness IV. L-Anness IV għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(4) Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda wkoll li jħassar persuna elenkata fl-Anness V. L-Anness V għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(5) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effikaċi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness V huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

---

[1] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/212/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ara l-paġna 79 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ANNESS I

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi" l-annotazzjoni għal "Korea Ryonha Machinery Joint Venture Corporation" tinbidel b'dan li ġej:

"(16) **Korea Ryonha Machinery Joint Venture Corporation** (magħrufa wkoll bħala (a) Chosun Yunha Machinery Joint Operation Company; (b) Korea Ryenha Machinery J/V Corporation; (c) Korea Ryonha Machinery Joint Venture Corporation; (d) Ryonha Machinery Corporation; (e) Ryonha Machinery; (f) Ryonha Machine Tool; (g) Ryonha Machine Tool Corporation; (h) Ryonha Machinery Corp; (i) Ryonhwa Machinery Joint Venture Corporation; (j) Ryonhwa Machinery JV; (k) Huichon Ryonha Machinery General Plant; (l) Unsan; (m) Unsan Solid Tools; u (n) Millim Technology Company). Indirizz: (a) Tongan-dong, Central District, Pyongyang, RDPK; (b) Mangungdae-gu, Pyongyang, RDPK; (c) Mangyongdae, Central District, Pyongyang, RDPK, Informazzjoni oħra: Posta elettronika: (a) ryonha@silibank.com; sjc-117@hotmail.com; u (b) millim@silibank.com. Numri tat-telefon: (a) 850-2-18111; (b) 850-2-18111-8642; u (c) 850-2-18111-381-8642. Numru tal-faks: 850-2-381-4410. Data tad-dežinjazzjoni: 22.1.2013."

ANNESS II

Fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, l-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(a)" titħassar:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
"1.	Chang Song-taek (magħruf ukoll bħala JANG Song-Taek)	Data tat-twelid: jew 2.2.1946 jew 6.2.1946 jew 23.2.1946 (il-provinċja ta' Hamgyong tat-Tramuntana) Numru tal-passaport (fl-2006): PS 736420617	Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża. Direttur tad-Dipartiment Amministrattiv tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea."